# England, Scotland & Wales

## Edinburgh Military Tattoo show

**02-11 T'AWWISSU**

**INŻURU: LONDON, LAKE DISTRICT, WARRINGTON, SNOWDONIA, GLASGOW, LLANDUDNO, SCOTTISH HIGHLANDS, BLACKPOOL, STRATFORD UPON AVON, EDINBURGH & MILITARY TATTOO SHOW.**

### IL-ĠIMGĦA 02 T'AWWISSU

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-05.15 mat-tour leader għat-titjira KM100 li ttir fis-07.15 u tasal fl-ajruport ta' Heathrow fl-09.45. Transfer bil-kowċ lejn il-belt sabiħa ta' **Chester** iżda qabel nieqfu **Stratford Upon Avon** fejn twieled il-famuż **William Shakespeare**. Nieqfu għal sightseeing u ħin għall-ikel (extra). Wara nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **Warrington**, Check -in fil-**Pentahotel 4*** Ċena fil-hotel.

### IS-SIBT 03 T'AWWISSU

Wara li nieħdu English breakfast, eskursjoni ta' ġurnata ġewwa **Llangollen** fejn se nżuru **Snowdonia National Park u Llandudno**. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġo Snowdonia fejn ingawdu xenarju mill-isbaħ ta' muntanji, għoljiet, widien, u kastelli. Inkomplu l-eskursjoni tagħna lejn Llandudno post maġenb il-baħar. Hemmhekk nagħmlu waqfa għal sightseeing. Nirritornaw lura l-lukanda għaċ-ċena.

### IL-ĦADD 04 T'AWWISSU

Inħallu l-belt ta' Chester u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Glasgow** imma qabel inżuru il-**Lake District** u nagħmlu waqfa ġewwa **Windermere**. Min irid, jekk it-temp ikun jippermetti, jista' jmur boat trip (extra). Inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn Glasgow. Akkomodazzjoni ġewwa **Glasgow Grosvenor Hotel**, sistemazzjoni tal-kmamar. Wara ċ-ċena ħarġa mal-leader biex ingawdu din il-belt.



## IT-TNEJN 05 T'AWWISSU
Eskursjoni ta' ġurnata fi **Scottish Highlands**. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġewwa **Loch Lomond** -wieħed mill-iżjed lagi famużi fir-Renju Unit. Ix-xenarju pittoresk ma jaqta' xejn sa ma naslu **Loch Katrine** li tinsab fil-qalba ta' **Trossachs**. Din l-erja hi famuża għall-ġmiel naturali tagħha u t-trankwillità.  Nirritornaw lura l-lukanda għaċ-ċena. Wara min irid jista' jmur għal bibita f'wieħed mill-pubs sbieħ li nsibu hawn.

## IT-TLIETA 06 T'AWWISSU
Wara li nieħdu Scottish breakfast, ħarġa mal-leader biex ingawdu l-belt ta' **Glasgow** u naraw postijiet ta'interess. Wara nofsinhar ikollna eskursjoni fil-belt sabiħa ta' **Edinburgh** fejn naraw postijiet ta' interess bħal Scott Monument, Edinburgh Castle, Mile End Road, Holyrood Palace eċċ ...  Filgħaxija, ċena f'restorant u wara nattendu għall-**Military Tattoo Show** fejn naraw il-BT Display Dance, Massed Pipes, Drums eċċ**... (biljett inkluż u garantit).**  Nirritornaw lura l-lukanda.

## L-ERBGĦA 07 T'AWWISSU
Inħallu l-**Iskozja** b'ħafna memorji sbieħ u nitilqu lejn ir-riżort ta' **Blackpool,** iżda qabel nieqfu **Gretna Green** fejn nassistu għat-tieġ li jsir fil-**Blacksmith Shop** madwar l-inkwina tal-ħadid (**dħul extra**).  Inkomplu l-vjaġġ lejn **Blackpool**-akkomodazzjoni ġewwa l-**Imperial Hotel 4***. Wara ċ-ċena ħarġa mal-leader.

## IL-ĦAMIS 08 T'AWWISSU
English breakfast,u jkollna ħarġa mal-leader biex ingawdu dan ir-riżort tant sabiħ. Inżuru l-mollijiet, il-fun fair u l-famuż **Blackpool Tower**. Fuq dan it-torri nsibu restorants, coffee shops, games room, ballroom dancing u mitt ħaġa oħra. Inkomplu lejn shopping centre b'ħafna stabbilimenti kbar fejn issibu dak kollu li tridu bi prezzijiet irħas. Wara ċ-ċena mmorru għal bibita.

## IL-ĠIMGĦA 09 T'AWWISSU
Nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Londra,** il-belt kapitali tal-Ingilterra.  Mal-wasla tagħna fil-**Hotel St Giles** fiċ-ċentru tal-belt issir s-sistemazzjoni tal-kmamar.  Wara ħarġa mal-leader biex nibdew naraw postijiet ta' interess.

## IS-SIBT 10 T'AWWISSU
Illum ġurnata libera iżda għal min irid jingħaqad mat-tour leader biex inżuru **Madame Tussaude Wax Museum** (dħul extra) u postijiet oħra ta' interess. Wara jkollna ħin liberu għal shopping jew personal sightseeing.

## IL-ĦADD 11 T'AWWISSU
Breakfast. Aktar tard ser ikollna **'London city tour'** bil-kowċ u gwida tal-lokal biex naraw postijiet ta' interess bħal **Big Ben, Westminster Abbey, Buckingham Palace, St. Paul's Cathedral, Trafalgar Square u Tower of London.**  Għall-ħabta tal-4.30pm tluq lejn l-ajruport ta' Heathrow għat-titjira KM103 li ttir fit-20.30 u tasal Malta fis-00.40.

**10** T'IJIEM

MINN € **1,810** KULL PERSUNA

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET, *HALF BOARD U TAXXI MĦALLSA

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,860 | €1,810 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1,870 | €1,820 |
| Kamra ta' persuna waħda | €2,365 | €2,315 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €1,550 | €1,500 |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira mal-KM Malta Airlines għal Heathrow
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- 9  iljieli-Hotels skont il-programm
- English Breakfast
- *Half Board ġo Warrington, Glasgow, Blackpool
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, dgħajjes eċċ mhux inklużi)
- Biljett tad-dħul tal-Military Tattoo show
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency protection





